**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Francis Xavier Aquilina

*versus*

Emanuel Attard Portughes *et noe*

**Appell - Kawtela ta' - Malleverija - Appell - Appell Prinċipali - Appelli Inċidentali - Nullità ta' - Deserzjoni**

*Fejn l-appell prinċipali hu ddikjarat null allura jiġi bla bażi ukoll l-appell inċidentali li jiddependi minnu tant li l-liġi tagħti d-dritt lill-appellat li jużufruwixxi u jinqeda b'appell li jkun sar minn sentenza. Appell jeħtieġ li jkun validament intavolat għaliex altrimenti japplika l-prinċipju* quod nullum est nullum producit effectum.

*Mhux l-istess konsiderazzjonijiet allura japplikaw fil-każ ta' appell inċidentali bħal dak taħt eżami li jkun ġie ntavolat fl-iskorta ta' appell prinċipali li jkun ġie ddikjarat deżert minħabba li l-appellant ma jkunx iddepożita l-kawtela fi żmien utili. F'dan il-każ l-appell prinċipali hu kjarament validu u ma kien affett minn ebda difett proċedurali gravi li jirrendih null fil-mument meta ġie pprezentat. Id-deżerzjoni timplika r-rinunzja da parti ta' l-appellant li jkompli bil-proċedura ta' l-appell u l-liġi gustament tqis li tali rinunzja ma kellhiex u ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-parti li tappella inċidentalment u li bi dritt għażlet li tużufruwixxi minn dak l-appell prinċipali validament promoss mill-appellant.*

Il-Qorti:-

Fil-25 ta' Marzu, 1996, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, iddeċidiet il-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija għall-kundanna tas-soċjetà konvenuta li tħallas lill-attur ammont rappreżentanti l-prezz ta' magna ta' *dry cleaning* lilha minnu mibjugħa u kkonsenjata. L-attur ipproċeda b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attur *nomine* ppremetta illi għal ħabta ta' April 1992 l-attur biegħ lis-soċjetà konvenuta magna *tad-drycleaning* tal-marka Suprema u tat-tip M/S 6 bil-prezz ta' elfejn u erba' mitt lira Maltija (Lm2,400);

Premess illi skond il-ftehim verbali, milħuq mal-konvenut John Attard Portughese, il-konsenja tal-magna kellha ssir fi żmien tliet xhur, *iżda* s-soċjetà konvenuta, minkejja nterpellanza għal dan l-iskop, baqgħet *inadempjenti* u *ma* resqitx għall-konsenja;

Premess illi l-attur nefaq spejjeż għat-trasport ta' l-imsemmija magna u għadu sal-lum iħallas il-kera għall-istorjar tagħha bir-rata ta' ħamsa u sittin ċenteżmu (65c) kuljum;

Talab li l-konvenuti *nomine* jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandiex:

Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta xtrat il-magna tad-*drycleaning* in kwistjoni tal-marka Suprema u tat-tip M/S 6 mingħand l-attur bil-prezz *ta' elfejn u erba' mitt lira Maltija* (Lm2,400);

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* biex iħallsu lill-attur il-prezz miftiehem ta' elfejn u erba' mitt Lira Maltija (Lm2,400);

Tipprefiġġi terminu qasir u perentorju li fih il-konvenuti *nomine* għandhom jersqu għall-konsenja tal-magna in kwistjoni;

Tillikwida, jekk hemm bżonn bl-opra ta' periti *nominandi*, l-ispejjeż li nefaq u għadu jonfoq l-attur mid-data li fiha kellha ssir il-konsenja sal-ġurnata li effettivament *issir l-istess*

konsenja;

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* biex ihallsu l-ispejjeż fuq riferiti in linea ta' danni kuntrattwali;

Bl-imghax kummerċjali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-28 ta' April, 1993, kontra l-konvenuti *nomine*";

Is-soċjetà konvenuta hekk eċċepiet:

"*Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante* li kien l-attur li kellu jikkonsenja l-magna lill-eċċipjenti, iżda hu baqa' inadempjenti u ghalhekk l-eċċipjenti kellhom jixtru magna oħra";

B'sentenza tal-25 ta' Marzu, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi, filwaqt li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine, laqghet l-ewwel u t-tieni u* t-tielet talbiet attriċi kif dedotti u ghall-ammont mitlub b'dan illi ghall-fini tat-tielet talba pprefiġġiet terminu ta' xahar żmien minn dakinhar u ċaħdet fl-istess waqt ir-raba' u l-ħames talbiet. Il-kap ta' l-ispejjeż kellu jiġi ssopportat kwantu ghal terz mill-attur u żewġ terzi mill-konvenuti *nomine*, bl-imghax dekorribbli mit-28 ta' April, 1993, sal-ħlas effettiv;

Minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti *nomine* prinċipalment u l-attur inċidentalment. Mhux il-każ li din il-Qorti tikkunsidra ghalissa l-aggravju tal-kontendenti fil-meritu ghax jidher illi hemm ostakolu proċedurali li jeħtieġ li jiġi ssorvolat qabel ma tkun tista' tipproċedi t-trattazzjoni. Ostakolu li jekk jirriżulta fondat jista' jippreġudika rrimedjabbilment il-konsiderazzjoni taż-żewġ appelli;

L-ostakolu fir-rigward ta' l-appell prinċipali jirrigwarda nuqqas ta' depożitu in kawtela fi żmien utili li ma jista' ma jwassalx għall-konklużjonijiet illi dan l-appell kellu jitqies li hu deżert *ai termini* ta' l-artikolu 249 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan jipprovdi illi fil-każ ta' appell minn sentenza mogħtija f'kawża mibdija - bħalma hi dik taħt eżami - b'ċitazzjoni l-garanzija għall-ispejjeż kellha ssir li tiġi ddepożitata fil-Qorti "sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema' l-appell". Issa dan l-appell ġie appuntat għall-ewwel jum tas-smigħ tiegħu fl-24 ta' Novembru, 1997 u l-konvenuti *nomine* għamlu l-kawtela għall-ispejjeż u ddepożitaw l-ammont determinat mir-Reġistratur dakinhar stess ta' l-ewwel smigħ. Nonostante li kienu ġew debitament innotifikati bl-avviż relattiv fi żmien utili skond il-liġi;

Ċertament allura d-depożitu sar *fuori termine* u japplika allura għalih is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 209 li jipprovdi li fil-Qorti ta' l-Appell, jekk meta tissejjaħ il-kawża jinstab li ma tkunx saret il-garanzija għall-ispejjeż tal-kawża kif ipprovdut fl-artikolu 249 - allura sa mill-inqas jum qabel il-ġurnata appuntata għall-ewwel smigħ - il-Qorti għandha minnufih tgħaddi biex tiddikjara l-appell deżert. Dan l-aspett ta' l-ostakolu proċedurali hu ċar biżżejjed li ma jippreżenta l-ebda diffikultà;

*L-ostakolu proċedurali fir-rigward ta' l-appell inċidentali* hu konsegwenzjali għal dan il-fatt illi l-appell prinċipali mar deżert kif qed jiġi mill-Qorti hekk iddikjarat li hu. Ġie sottomess li una volta l-appell prinċipali ma setax in vista tad-deżerzjoni jiġi ttrattat ulterjorment u allura s-sentenza fil-konfront tal-konvenut *nomine* appellanti għaddiet in ġudikat l-istess ma setax jiġi ttrattat l-appell inċidentali. L-attur invece jsostni li l-appell inċidentali tiegħu fiċ-ċirkostanzi kellu ħajja u *iter* indipendenti minn dak prinċipali u kellu jiġi ttrattat u deċiż billi hu salvat bl-artikolu 241 tal-Kap. 12 li qed jissottometti li

kien applikabbli għalih. Dan kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-20 ta' April, 1998;

Dan l-artikolu jipprovdi illi d-dikjarazzjoni ta' l-appellat li hu kien bi ħsiebu jinqeda bl-appell prinċipali biex javanza appell inċidentali tiegħu "tibqa' sseħħ għalkemm il-parti kuntrarja ma tissoktax bl-appell tagħha". Sitwazzjoni din li hi *differenti minn dik fejn l-appell prinċpali jkun affett minn xi* vizzju proċedurali gravi li jirrendih null. "Għal dak li jirrigwarda l-appell inċidentali ta' l-attriċi, kif jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti, la darba l-appell prinċipali "li ħa l-mossi minn dak l-appell prinċipali u li qiegħed jippresupponi l-eżistenza ta' dak l-appell prinċipali mentri dan qatt ma eżista skond il-liġi" (**Borg *ultrinque*** - 19 ta' Ġunju, 1944, Vol. XXXII.I.66; Vol. XXI.II.312). Fejn l-appell prinċipali hu ddikjarat null allura jiġi bla bażi ukoll l-appell inċidentali li jiddependi minnu tant li l-liġi tagħti d-dritt lill-appellat li jużufruwixxi u jinqeda b'appell li jkun sar minn sentenza. Appell jeħtieġ li jkun validament intavolat għaliex altrimenti japplika l-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum*;

Mhux l-istess konsiderazzjonijiet allura japplikaw fil-każ ta' appell inċidentali bħal dak taħt eżami li jkun ġie ntavolat fl-iskorta ta' appell prinċipali li jkun ġie ddikjarat deżert minħabba li l-appellant ma jkunx iddepożita l-kawtela fi żmien utili. F'dan il-każ l-appell prinċipali hu kjarament validu u ma kien affett minn ebda difett proċedurali gravi li jirrendih null fil-mument meta ġie ppreżentat. Id-deżerzjoni timplika r-rinunzja da parti ta' l-appellant li jkompli bil-proċedura ta' l-appell u l-liġi ġustament tqis li tali rinunzja ma kellhiex u ma għandhiex taffettwa d-drittijiet tal-parti li tappella inċidentalment u li bi dritt għażlet li tużufruwixxi minn dak l-appell prinċipali validament promoss mill-appellant;

"*Coll'articolo 264* (illum 240) *Codice Procedura Civile le legge evidentemente accorda all'appellato il diritto di valersi dell'appello fatto dall'altra parte dal momento della nterposizione di quell'appello in guisache, come è spiegato nell'articolo 265* (illum 241) *quel diritto non cessa malgrado che quella parte non abbia perserverato nel suo appello senza alcune distinzione se la cessazione sia avvenuta con una espressa dichiarazione del cedente o per opera della legge ...*

*Omissis*;

*L'articolo 265* (illum 241) *Codice Procedure Civile suppone una rinunzia all'appello dopo la introduzione degli atti e dopo che l'altra parte, esercitato il suo diritto di prevalersi del contrario appello colle opportuna dichiarzione relativa, l'avesse gia reso comune*" (Cremona - *Raccolta Giurisprudenza del Codice di Procedura Civile* - Vol. I, p. 518 *et*);

Hu risaput li d-deżerzjoni tal-kawża ġġib l-istess effetti ta' rinunzja għat-talbiet (artikolu 907 (1) tal-Kap. 12). Il-fatt illi l-konvenuti *nomine* ma pproċedewx biex jiddepożitaw il-kawtela għall-ispejjeż, ifisser li huma ma ssoktawx l-appell tagħhom;

Konsegwentement, l-appell inċidentali ta' l-attur jibqa' salvat fit-termini ta' l-artikolu 241 tal-Kap. 12;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell prinċipali tal-konvenuti *nomine* billi tiddikjarah deżert għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bl-ispejjeż jitħallsu minnhom; u tiddikjara inoltre illi l-appell inċidentali jista' jibqa' jiġi ttrattat in kwantu mhu bl-ebda mod affett minn din id-dikjarazzjoni ta' deżerzjoni, bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali. Il-kawża tibqa' differita għat-trattazzjoni ta' l-appell inċidentali.